MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2014

Mandat Numru. 94/2014/1

**Josella Terribile (I.D. 497875M)**

**vs**

**Torki Al Solaiman, fin-negozju, bin Mahmod u Gizi neé Ilesi, imwieled Masaran, is-Sirja u residenti Bugibba bil-karta tal-identità 301297M**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Josella Terribile li ghar-ragunijiet imfissra fl-istess rikors talbet lill-Qorti zzomm lil Torki Al Solaiman milli jbiegh diversi propjetajiet.

Rat ir-risposta ta’ Torki Al Solaiman li ghar-ragunijiet minnu moghtija, sostna li t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda.

Rat id-dokumenti.

Rat id-digriet taghha precedenti.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla ghad-digriet in camera.

Rat l-Art. 873 li testwalment jipprovdi illi:

*(1) L-iskop tal-mandat ta’ inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista’ tkun ta’ pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*
*(2) Il-Qorti m’ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Ikkunsidrat illi doveruz ghall-Qorti tenfasizza li, fil-proceduri ta’ din ix-xorta, il-Qorti tillimita ruhha ghal dak li jidher mad-daqqa t’ghajn, b’dana li ezami profond tal-mertu tal-lanjanza

jibqa’ essenzjalment rizervat ghal dik il-Qorti li tigi adita eventwalment bil-kawza.

Dan premess, il-Qorti tqis li tnejn huma l-elementi li jehtieg li jissussistu sabiex ikun gustifikat il-hurg ta’ mandat ta’ inibizzjoni, id-dritt vantat u l-pregudizzju.

Ikkunsidrat illi l-partijiet kienu mizzewga lil xulxin u pprezentament ghaddejjin minn proceduri ta’ firda. Bejniethom u applikabbli r-regim tas-separazzjoni tal-beni. Ir-rikorrenti tikkonferma bil-gurament illi tul iz-zwieg hija silfet lil zewgha €54,350. Inoltre huwa kien sarraf zewg cheques taghha ad insaputa taghha, liema cheques kienu jammontaw ghal kwazi €8000 li minnhom huwa rrifonda biss parti.

Mill-banda l-ohra, jirrizulta illi l-intimat ghandu diversi debiti li qed jigu kawtelati b’ipoteki fuq il-proprjetajiet tieghu. F’dawn ic-cirkostanzi, it-talba tar-rikorrenti sabiex tikkawtela l-jeddijiet taghha ghandha titqies gustifikata.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ Josella Terribile kif kontenuta fir-rikors taghha tat-23 ta’ April 2014. Il-Qorti tinnomina lin-Nutar Sean Critien sabiex jaghmel id-debita registrazzjoni skond il-ligi.

**< Digriet >**

----------------------------------TMIEM----------------------------------